**Laqgħa Numru 23**

**Laqgħa B' Urġenza tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**24 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' b'mod virtwali.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Jeanelle Attard- Kunsilliera

Domenic Zerafa- Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 4(3)):

Johnny Vella-Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

HS ma

Il-laqgħa bdiet f'12.15pm.

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

23.1.1 Is-Segretarju Marion Attard infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsillier Johnny Vella kien skużat mil-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**23.2 Applikazzjoni taħt it-Tieni sejħa għall-Miżura 4 – GAG 4 - 'Rejuvinating Gozo' – taħt il-programm LEADER 2014-2020**

23.2.1 Is-Sindku ndirizza lill-membri tal-Kunsill preżenti u ta informazzjoni fuq x'kien ħareġ mil-laqgħa li kienet saret il-ġurnata ta' qabel mal-Arċipriet, rappreżentant mill-Assoċjazzjoni Rotunda u s-Sur Josef Magro tal-GAGF.

23.2.2 Is-Sindku spjega li x-xewqa tal-Arċipriet kienet li japplika għas-sala li hemm fiċ-ċentru isfel u mhux għat-teatru. Dan minħabba li biex jittranġa t-teatru hemm spiża ta' nofs miljun u mhux biss €80,000.

23.2.3 Is-Segretarju spjegat li wara l-laqgħa kienet tkellmet mal-Meusac li nfurmawha li peress li ma kienx baqa' ħafna żmien ma kinux lesti li jimlew l-applikazzjoni huma.

23.2.4 Is-Sindku spjega li kien hemm numru ta' fatturi li mħabba fihom wieħed ma setax japlikka fosthom il-fatt li hemm bżonn pjanti reġistrati taċ-ċentru mal-PA, li jinstab partner ieħor idealment NGO, it-terminu meta irid jitlesta x-xogħol u l-fatt li l-applikazzjoni kienet tagħlaq fit-12 t'April 2020 .

23.2.5 Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-Kunsill ma kellux japplikka imma kellhom jibdew l-preparamenti biex wieħed jara x'proġetti l-Kunsill u l-għaqdiet volontarji kellhom f'moħħhom u b'hekk wieħed jibda jipprepara għal meta joħroġ il-programm ta' fondi ġodda.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.10pm

Konfermati illum 24 ta' Marzu 2021

Hubert Saliba
Sindku

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv